# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 980/94 B1 NA**

**Michael Seychell u martu Carmen Seychell u John Seychell**

**vs**

**John Abela w ir-Reveredu Carmelo Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' l-Arcipriet tal-Knisja Parrokkjali Santa Katerina taz-Zejtun**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-27 ta' Lulju 1994 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn ippremettew:

"Illi l-atturi Michael u Carmen Seychell ghandhom ir-razzett fejn irabbu t-tigieg fil-limiti ta' Bulebel iz-Zghir, Zejtun, imsejjah

St. Michael Farm, f'liema razzett kien ukoll irabbi t-tigieg u l-*broilers,* it-tifel taghhom John Seychell, l-attur l-iehor;

Illi fil-festa ta' Santa Katerina taz-Zejtun li saret fid-19 ta' Gunju 1994 u fil-granet ta' qabel, il-konvenuti orgnizzaw f'distanza vicina l-arja minn fejn sar l-isparar ta' bombi, murtali u loghob tan-nar iehor u dana ghal hin konsiderevoli u mifrux fuq tul ta' gimgha;

Illi minhabba l-istess sparaturi l-*broilers* u t-tigieg li kienu qed irabbu l-atturi sofrew hsara minhabba *blasts* u hsejjes ta' l-istess sparar b'mod li giet ikkawzata epidemija u sofrew danni ohra minhabba illi gie ddusturbat l-ambjent li kienu qed jitrabbew fih;

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni izda dawn rrifjutaw jew qalu illi kienet ser tkoprihom l-assikurazzjoni, illi minkejja illi kien ghaddej iz-zmien baqghet ma resqitx ghal hlas ta' l-istess danni;

Illi minhabba illi dawn l-annimali li kienu qed jitrabbew mietu parti minnhom sostanzjali b'mod illi l-atturi ma jistghux jirkupraw l-ispejjez illi ghamlu fit-trobbija taghhom biex jergghu

jirrinvestu fit-trobbija ta' annimali ohrajn u dana huwa negozju illi jiddependi minn *turnover* ta' trobbija, macellazzjoni u trobbija gdida u l-atturi qed isofru danni konsiderevoli li jistghu sahansitra jwasslu ghall-falliment ta' l-azjenda kollha;

TALBU li din il-Qorti:-

1. tiddikjara l-konvenuti unikament responsabbli tad-danni kollha sofferti mill-atturi fil-gimgha bejn it-12 ta' Gunju 1994 sad-19 ta' Gunju 1994 liema danni gew ikkawzati minhabba l-isparar ta' bombi u murtali u loghob iehor tan-nar u li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, inkluzi fl-istess danni t-telf ta' xoghol u qliegh kawzat minhabba interruzzjoni tac-*cycle* ta' produzzjoni fl-istess farm;

3. tikkundanna l-konvenuti ghall-hlas ta' danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez ghall-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 1994."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Wisq Reverendu Dun Karm Farrugia nomine tal-1 ta' Settembru 1994 fejn eccepixxa illi:

1. "Preliminarjament li hu mhux il-persuna legittima biex jikkontesta din il-kawza billi b'digriet tat-3 ta' Awissu 1983 Monsinjur Arcisqof kien assuma l-amministrazzjoni ta' l-entijiet religjuzi djocesani kollha ta' Malta u kwindi anki tal-Prebenda Arcipretali taz-Zejtun. Ghalhekk l-eccipjenti ghandu jkun mehlus mill-harsa tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Fil-meritu u minghajr pregjudizzju tal-premess, l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ma' "l-isparar ta' bombi, murtali u loghob tan-nar iehor" li ghalihom hemm referenza fit-tieni premessa tac-citazzjoni attrici;

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w in-nota minnu esebita.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut John Abela tal-5 ta' Settembru 1994 fejn eccepixxa illi:

1. "Preliminarjament illi l-esponenti ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-organizzazzjoni tal-festa li allegatament tat lok ghal din l-allegata stragi kollha. Kull ma hu l-esponenti huwa s-sagristan u bhala tali f'ismu jinhareg il-permess necessarju mill-Awtorita' tal-Pulizija sabiex tista' tinzamm il-festa. Kwindi *dato ma non concesso* li l-isprarar tal-festa kkawza dak li allegatament gara ma hemmx dak in-ness guridiku bejn il-kawza u l-effett necessarju sabiex l-esponenti jinzamm responsabbli ghal dak li allegatament gara u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes. In kwantu huma diretti kontra l-esponenti;

2. Bla pregudizzju ghall-premess illi kull attur irid juri, separatament, l-interess guridiku li huwa ghandu fl-ezitu ta' din il-kawza; mhux bizzejjed dak li inghad fl-ewwel premessa tac-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti ma spara ebda murtal u jew bomba li setghet ikkawzat dak allegat mill-atturi; huma nies ohra li ghamlu dan u ghalhekk l-esponenti ma hux il-legittimu kontradittur ta' l-atturi billi huwa ma seta' qatt ikkawza dak allegat, *dato ma non concesso* li dak allegat gara u gara b'rizultat tal-festa;

4. Bla pregudizzju ghall-premess illi l-atturi ilhom ighixu fiz-Zejtun kemm ilhom imwielda, huma jafu li ssir il-festa ta' kull sena, ilhom irabbu l-annimali taghhom fiz-Zejtun, anzi fl-istess farm, ghal bosta snin ukoll, kif *del resto* allegat minnhom stess fil-korp tac-citazzjoni, u ghalhekk huma kienu jafu li sejrin ikun hemm il-bombi w il-mortali u ghalhekk kienu fid-dover li jimminimizzaw id-danni, partikolarment billi, skond ma qalu huma stess, il-festa, u allura l-hsejjes, kienu imferxa tul gimgha shiha. Huma stess ippartecipaw fil-festa u ghalhekk ma jistghux issa, ghax gara li gara, *dato ma nono concesso* li hemm ness bejn dak allegatament li gara w il-festa, li jigu 'l quddiem u jzommu lill-esponenti, u anke lill-konvenut l-iehor, responsabbli ghad-danni;

5. Fl-ahhar nett, fil-mertu, f'kaz li l-eccezzjonijiet kollha moghtija jigu respinti, billi l-atturi pprecedew din l-azzjoni b'mandat ta' sekwestru ghall-Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltin) ghalhekk jispetta lilhom li jipproducu d-dokumenti necessarji sabiex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom, inkluz f'dawn id-dokumenti kopji tar-*return* taghhom li jibghatu, kull sena, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat il-provi mressqa permezz ta' xhieda u dokumenti w in-noti li saru fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti li wasslu ghas-sentenza parzjali ta' din il-Qorti tas-16 ta' Gunju 1995 fejn gie deciz illi:

1. “tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Reverendu Carmelo Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' Arcipriet tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katerina taz-Zejtun, u konsegwentement, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. tichad l-eccezzjoni preliminari in disamina sollevata mill-konvenut John Abela u tirrizerva d-decizjoni dwar l-ispejjez relativi ghall-gudizzju finali;

Tordna, ghalhekk, il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-konvenut John Abela."

Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1995 din il-Qorti wkoll diversament presjeduta nnominat lill-Avukat Dottor Philip Sciberras bhala Perit Legali.

Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Settembru 1996 liema Qorti b'digriet tad-29 ta' Lulju 1996 kienet innominat lil Veterinarju Dottor Anthony Gruppetta bhala Perit Tekniku biex jassisti lill-Perit Legali u dan wara rikors ta' l-istess Perit Legali tat-12 ta' Frar 1996. Ir-rapport gie mahluf sew mill-Perit Legali sew minn dak Tekniku fis-seduta tal-1 ta' Lulju 1997.

Il-Periti wara li ezaminaw il-provi moghtija sew permezz ta' affidavits, sew oralment, wara wkoll li ezaminaw id-dokumenti esebiti w anke wara li ghamlu access fil-farm in kwistjoni u cioe' dak ta' l-atturi Michael u Carmen Seychell ikkonsidraw il-

principji legali fil-materja li gew minnhom applikati ghall-kaz in ezami. Huma ghamlu diversi konsiderazzjonijiet fosthom dwar il-kwantita' ta' flieles li gie ppruvat li kien hemm fir-razzett fiz-zmien ta' l-akkadut u tal-fatt illi l-atturi ma gabu ebda prova dwar in-nefqa ghal-gwiez bhala prova ulterjuri tal-flieles prezenti fir-razzett bejn is-17 ta' Mejju u t-28 ta' Gunju 1994 kif ma gabu ebda prova dwar l-ghattuqiet fl-istess razzett. Huma kienu wkoll tal-fehma illi l-attur John Seychell ma gab ebda prova anqas li kellu licenzja biex irabbi. Finalment osservaw illi fil-waqt illi li *stress factor* kien il-fattur li kkaguna l-mard kien hemm fatturi ohra apparti mill-isparar u l-murtali, bhall-ambjent fejn kienu qed jitrabbew il-flieles li kienu kkagunaw dan li *stress*. "*Dan ma jistax hlief ifisser fil-fehma ta' l-esponenti illi li "stress factor" ma kienx unikament l-isparar tal-bombi.*"

Huma ghalhekk ikkonkludew illi filwaqt li l-konvenut m'ghandux "*jigi ritenut interament u fit-totalita' responsabbli ghad-danni*" huwa kien ikkontribwixxa ghall-istess peress illi "*Li hu cert pero' hu illi l-vibrazzjonijiet u hsejjes ta' sparar accentwaw il-lezjonijiet pre-ezistenti.*", u dana wara li wkoll skartaw l-eccezzjoni ta' l-istess konvenut li huwa ma kienx responsabbli ghad-danni peress illi l-isparar sar minn nies

ohra u li ghalhekk huwa ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ghall-kuntrarju, skond il-Periti, bhala *licensee* kien hu li kien responsabbli ghal kull dannu kkagunat mill-isparar.

Fil-likwidazzjoni tad-danni l-Periti kkonstataw illi l-valur komplessiv tal-*broilers* mixtrija mill-attur bejn is-17 ta' Mejju sas-16 ta' Gunju 1994 kien jammonta ghal Lm2354 u li pero' "*Ma' dan l-ammont naturalment trid tizdied in-nefqa tal-gwiez, u spejjes relatati bhall-konsum ta' dawl, etcetera, li dwarhom l-attur baqa' ma forniex provi, kif ukoll it-telf subit ta' qliegh ta' tigieg imsemmen, kalkolat bil-49 centezimu kull kilo kif pattwita fil-kuntratt ta' ftehim. Naturalment f'kull eventwali kalkolu ma jridx jigi minsi illi l-pizijiet ta' broilers li mietu kienu bil-fors ivarjaw in kwantu mhux kollha kellhom l-istess eta' u kien hemm min kien imlahhaq u min ta' ftit granet.*" Huma ghalhekk kienu ta' l-opinjoni illi fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici l-konvenut Abela kien responsabbli sa cifra massima ta' erbghin fil-mija (40%) tad-danni pero' fir-rigward tat-tieni talba "*Il-likwidazzjoni tad-danni u l-eventwali kundanna ghandhom jibqghu ppregudikati sakemm jigu precizati u accettati b'appoziti verifiki dokumentarji, jew xort'ohra, il-quantum approssimattiv, izda konkret u ragonevoli tad-danni.*"

Permezz ta' nota tal-4 ta' Lulju 1997 il-konvenut talab in-nomina ta' periti addizzjonali liema talba pero' giet minnu rtirata fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1998.  F'din is-seduta l-atturi talbu, u gie lilhom koncess, il-fakolta' li jipprezentaw ix-xhieda taghhom permezz ta' affidavits.  Effettivament l-attur Michael Seychell ipprezenta affidavit ulterjuri b'nota fil-5 ta' Ottubru 1998 u gie kkontro-ezaminat fuq l-istess fis-seduta tal-10 ta' Marzu 1999.  Apparti minn din ix-xhieda estensiva l-attur rega' xehed fis-seduta tal-25 ta' Gunju 1999 f'liema seduta gie eskuss ukoll l-espert veterinarju Anthony Gruppetta.  F'din is-seduta gie wkoll koncess lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.  Dan apparti l-atturi kellhom, permezz ta' nota ohra, jipprezentaw prova dokumentarja in sostenn tat-talbiet taghhom.  Iz-zmien moghti lill-atturi biex jipprezentaw in-noti taghhom gie mgedded darbtejn (ara verbali tat-12 ta' Jannar u 17 ta' Mejju 2000), sakemm fl-24 ta' Awissu 2000 giet ipprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-istess atturi. Ghal xi zmien il-process kien mitluf u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ma saritx.  Wara rikors taghhom pero', u fin-nuqqas ta' opposizzjoni tal-kontro-parti, l-Qorti akkordat lill-konvenut zmien ulterjuri ghall-prezentata tan-nota tieghu li finalment giet ipprezentata fis-27 ta' Awissu 2001 u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra

tinghata llum. Jinghad ghal kull buon fini illi l-nota ta' l-atturi fejn kellhom jipprovdu prova dokumentarja ma giet qattypprezentata u ghalhekk fir-rigward tal-*quantum* tad-danni l-Qorti sejra jkollha tistrieh biss fuq id-dokument ipprezentat mill-attur ma' l-affidavit tieghu tal-5 ta' Ottubru 1998 (Dokument "XX1" a fol. 116 tal-process) u dan apparti minn dawk id-dokumenti li kienu gew ipprezentati quddiem il-Perit Legali.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid qabel kollox tiddetermina l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Abela qabel ma tghaddi biex tikkonsidra l-meritu u dana sa fejn dawn l-eccezzjonijiet ma gewx diga' decizi fis-sentenza parzjali ta' din il-Qorti fuq imsemmija. Fil-fehma ta' din il-Qorti jsegwi b'mod naturali illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Abela ghandha wkoll tigi michuda ghall-istess ragunijiet li giet michuda l-ewwel eccezzjoni tieghu. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni jirrizulta illi l-atturi Michael u Carmen Seychell zgur li ghandhom interess guridiku fl-ezitu ta' din il-kawza. Gie ppruvat li l-attur Michael Seychell kien il-proprietarju tal-*broilers* u tat-tigieg in kwistjoni filwaqt illi martu Carmen hija ko-partecipi f'din l-azjenda in

vista tar-regim matrimonjali li huwa prezunt *ex lege* li jezisti bejn il-konjugi. Ghall-kuntrarju l-attur John Seychell (li anqas ma xehed f'din il-kawza) ma gab ebda prova dwar xi interess li jista' jkollu u ghalhekk fil-konfront tieghu din l-eccezzjoni tal-konvenut Abela hija milqugha bl-ispejjes kontra l-attur John Seychell.

Fil-meritu l-kwistjoni tar-responsabbilita' tal-konvenut Abela giet stabbilita mill-Perit Legali u dana wara li ezamina mhux biss il-provi prodotti izda wkoll il-principji tal-ligi fil-materja. Effettivament jirrizulta mill-provi veterinarji illi l-isparar tal-murtali kien zgur wiehed mill-fatturi li wassal ghall-*istress* fit-tigieg u *broilers* in kwistjoni liema fattur finalment wassal ghal mewt ta' diversi minn dawn it-tajr. Huwa minnu illi l-espert veterinarju appuntat mill-Qorti ma kellux il-possibbilita' jezamina huwa stess dawn it-tajr izda kellu jistrieh, fil-maggior parti, fuq ix-xhieda moghtija mix-xhud Susan Chircop, ukoll veterinarja. L-opinjoni ta' din ix-xhud, pero', hija issa ammissibbli bil-ligi w il-Qorti ma tara li ngabet ebda raguni valida u ta' piz tali l-ghala hija ghandha tiddipartixxi minn din l-opinjoni teknika u ghalhekk dan hija ma hijiex sejra taghmlu ("Bonett vs Lewis" - 1/3/94 - Appell Inferjuri). Huwa minnu wkoll pero' li l-kondizzjonijiet u l-igene fejn kienu qed

jinzammu l-flieles ikkontribwixxa wkoll sostanzjalment ghal li *stress* taghhom li, jigi ripetut, wassal ghall-mewt ta' l-istess flieles. Dan nonostante (u minkejja dak li jinghad fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut) il-Qorti thoss illi l-atturi rnexxielhom jippruvaw sufficjentement f'dak il-grad rikjest f'kawza civili l-kawza u effett bejn l-agir tal-konvenut u d-danni sofferti minnhom almenu bhala wiehed mill-fatturi ta' l-istess dannu. Japplika ghalhekk fl-ewwel lok il-principju stabbilit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

> "***1031.*** *Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*"

Hemm pero', kif intqal, ukoll il-kontribuzzjoni ghall-hsara mill-parti li tbatiha principju sancit, invece, bl-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili u hawn ukoll il-Qorti ma tara li ngabe ebda raguni valida li, fid-diskrezzjoni taghha, kif provdut f'dan l-Artikolu, ghandha tiddeciedi li tvarja mill-proporzjon ghall-hsara kif stabbilit mill-Perit Legali li ezamina w evalwa l-provi. Fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici ghalhekk ir-responsabbilita' tal-konvenut f'erbghin fil-mija (40%) tad-danni li sofrew l-atturi kif stabbilit mill-Perit Legali u ghar-ragunijiet fuq moghtija in aggiunta mar-ragunijiet minnu moghtija qed tigi kkonfermata.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni l-Perit Legali kien stabilixxa c-cifra ta' elfejn tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm2352) ghal hdax-il elf u mitejn (11,200) *broiler* bir-rizervi pero' favur l-atturi kif indikat aktar kmieni f'din is-sentenza. L-attur ma tantx gab provi dwar dawn id-danni l-ohra kif kien rikjest mir-rapport peritali u kif kien obbligat jaghmel wara l-istess rapport. Hlief infatti ghad-Dokument "XX1" fuq imsemmi l-provi tieghu jikkonsistu biss fix-xhieda li huwa ta li giet kontradetta f'diversi punti fil-kontro-ezami li sarlu. Il-principju li kull min jallega jrid jipprova ghandu sinifikat partikolari fil-kamp tad-Delitti u Kwazi Delitti u dana in vista tal-principju l-iehor enuncjat fl-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li normalment il-hsara jbatiha "*dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara*". Fl-ewwel lok, fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma gabux provi sufficjenti la dwar il-partiti kkonsenjati f'April tal-1994 u anqas dwar dawk li setghu gew ikkonsenjati f'Gunju tal-1994 tenut kont ukoll tal-fatt, dwar din l-ahhar partita, illi anke li kieku kien ghad hemm il-possibbilita' ta' l-effett tal-marda kkagunata mill-isparar u l-murtali wara l-festa l-atturi kienu obbligati biex jimminimizzaw id-danni billi f'dak il-perjodu ma jgibux aktar flieles. L-istess jista' jinghad dwar il-penali. L-atturi ma pproducew ebda dokumentazzjoni fir-rigward u fil-waqt illi jsostnu illi s-socjeta' Buxom (jew Valhmor

Borg) kienu bdew proceduri kontra taghhom ghal gbir tal-penali l-indikazzjoni li jaghtu huwa li dawn il-proceduri gew sospizi jew addirittura rtirati meta huma spjegaw lil din is-socjeta' dak li kien gara.

Fadal ghalhekk biex jigu kalkulati t-telf li sofrew l-atturi fuq in-nefqa ghal gwiez u spejjez ohra relatati bhal konsum tad-dawl kif ukoll it-telf tal-qliegh kalkulat b'disgha w erbghin centezimu (49c) ghal kull kilo.

Fir-rigward tal-ghalf u tal-gwiez, ukoll fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma gabux, kif kellhom id-dmir li jgibu, provi sufficjentement kredibbli. Ghall-kuntrarju l-impressjoni li jaghti l-attur fil-kontro-ezami tieghu huwa li l-ghalf, skond il-kuntratt, kellu jithallas mill-Buxom Poultry u dana minkejja l-fatt li, skond l-istess attur, dan il-fatt kien jigi kkalkolat minn din is-socjeta' fil-pagament tal-qliegh li kien isir (ta' min jinnota li ta' dan ukoll l-attur ma gab ebda prova dokumentarja). Id-dannu li sofra l-attur huwa dak a bazi tal-ftehim li kellu mal-Buxom u jekk dan il-ftehim kien jipprovdi li l-ispiza tal-ghalf u tal-gwiez jithallas mill-Buxom u mhux mill-attur, allura hija dik is-socjeta', se mai, li ghandha dritt ghar-rimbors mill-konvenut u mhux l-atturi. Fir-rigward ta' l-ispejjez l-ohra wiehed irid

jikkonsidra dawk l-ispejjez li gew indikati bhala *wood shavings*, *heating, water and electricity and others (medicines, disinfectants etc)* li skond id-Dokument "XX1" jammontaw ghal erbgha u disghin liri Maltin (Lm94) ghal kull elf (1000) *broiler*. Il-Qorti ma tarax il-ghala ma ghandhiex taccetta din il-figura li ma gietx serjament ikkontestata mill-konvenut li meta wiehed jikkalkula hdax-il elf u mitejn (11,200) *broiler* twassal ghas-somma ta' elf u tnejn u hamsin lira Maltija u tmenin centezimu (Lm1052.80c0).

Finalment hemm il-kwistjoni tat-telf tal-qliegh ta' disgha w erbghin centezimu (49c) ghal kull kilo. Il-piz ta' 1·7 kilo ghal kull tigiega jidher li huwa piz ragjonevoli wkoll minn ezami tad-Dokument "XX1" u ghalhekk ghal hdax-il elf u mitejn (11,200) *broiler* is-somma likwidata twassal ghal hamest elef erbgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm5488).

Ovvjament id-danni fuq reklamati kienu jkunu dovuti fit-totalita' taghhom hlief ghal zewg konsiderazzjonijiet ulterjuri. 1. Il-proporzjon tar-responsabbilita' ghad-dannu kkagunat mill-konvenut li gia' gie stabbilit fil-persentagg ta' erbghin fil-mija (40%); u 2. ghal-fatt li jirrizulta mill-kontro-ezami ta' l-istess attur illi minkejja illi l-flieles kollha gew affettwati mill-marda

kkagunata bli *stress* mhux kollha mietu. Effettivament jirrizulta illi bic-cert kienu biss erbat elef (4,000) fellus li mietu u mill-ohrajn xi whud gew salvati minkejja illi dawn "*jigu qafas biss, ghax joghlbu u ma jkunux prezentabbli. Is-sider tispicca.*" Dawn pero' gew ukoll mibjugha lil tal-Buxom minkejja illi l-attur ma gab ebda prova ta' kemm fil-kwantita' u ta' kemm fil-prezz dawna fil-fatt gew mibjugha w allura f'dan ir-rigward il-Qorti tista' biss taghmel kalkolu *arbitrio boni viri*.

B'rikapitolu ghalhekk id-danni jridu jigu likwidati b'dan il-mod:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ammont likwidat mill-Perit Legali | Lm2352.00 |
| 2. | Spejjez ohra | Lm1052.80 |
| 3. | Telf minn qliegh | Lm5488.00 |
| | | Lm8892.80 |

li minnhom l-ammont ta' tlett elef mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm3176) huwa likwidat ghal erbat elef (4,000) *broiler* li mietu, fil-waqt illi mill-bilanc ta' hamest elef seba' mija u sbatax-il lira Maltija (Lm5717), hamsin fil-mija (50%) huwa

likwidat *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' elfejn tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija u hamsin centezimu (Lm2858.50). Total ghalhekk ta' sitt elef u erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezimu (Lm6034.50) minn liema ammont il-konvenut huwa biss responsabbli ghal erbghin fil-mija (40%) u cioe' fl-ammont ta' elfejn erba' mija w erbatax-il lira Maltija (Lm2414) li huwa l-ammont ta' danni dovuti taht it-tieni talba attrici.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut fil-konfront ta' l-atturi Michael u Carmen Seychell tilqa' parzjalment it-talbiet attrici l-ohra u:

1. tiddikjara lill-konvenut Abela responsabbli f'erbghin fil-mija (40%) tad-danni sofferti mill-atturi Michael u Carmen Seychell fil-gimgha bejn it-12 ta' Gunju 1994 sad-19 ta' Gunju 1994 liema danni gew parzjalment ikkagunati minhabba l-isparar ta' bombi u murtali u loghob iehor tan-nar u li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut Abela, kif inghad f'erbghin fil-mija (40%) tar-responsabbilita';

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi Michael u Carmen Seychell fl-ammont ta' elfejn erbgha mija w erbatax-il lira Maltin (Lm2414) kif fuq spjegat liema danni jinkludu t-telf ta' xoghol u qliegh kawzat minhabba interruzzjoni tac-*cycle* ta' produzzjoni fl-istess farm;

3. tikkundanna lill-konvenut Abela jhallas lill-atturi Michael u Carmen Seychell l-ammont ta' elfejn erbgha mija w erbatax-il lira Maltin (Lm2414) bhala danni hekk likwidati favur l-istess atturi.

L-imghax legali jiddekorri millum filwaqt illi l-ispejjez tal-kawza in linea ma' dak deciz fil-meritu ghandhom jithallsu sittin fil-mija (60%) mill-atturi Michael u Carmen Seychell u erbghin fil-mija (40%) mill-konvenut John Abela hlief ghal dak li fuq intqal fir-rigward tal-konvenut John Seychell.

Deputat Registratur

rf.